MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 733/2008

**Mario Gauci u Jacqueline mart Carmel Bugeja f'isimhom u ghan-nom tal-assenti huhom Jerry Gauci**

**Vs**

**Marius Micallef u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2011 Thomas Smith Insurance Agency Limited giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza**.

Il-kaz jitratta incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Settembru 2004 fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, li fih Josephine Gauci sfat imtajra mill-vettura DAK 575 misjuqa mill-konvenut. Il-vittma mietet fis-17 ta' Ottubru 2004. L-atturi huma wlied u werrieta tal-vittma. B'din il-kawza qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Il-konvenut baqa’ kontumaci. B’decizjoni tat-22 ta’ April 2009 giet michuda t-talba tieghu sabiex jinghata permess jiddefendi l-kawza billi jipprezenta twegiba guramentata u jressaq il-provi.

B’digriet moghti fis-6 ta’ Dicembru 2011 Thomas Smith Insurance Agency Limited intervjeniet fil-kawza u eccepiet li:-

i. Marius Micallef ma kienx responsabbli ghall-incident li sehh bejn 18 u 19 ta’ Settembru 2004 peress li dan gara tort ta’ Josephine Gauci.
ii. L-atturi ghad iridu jissostanzjaw il-pretensjonijiet ghall-hlas ta’ xi danni.
iii. Thomas Smith m’ghandix tbati minn xi spejjez ghaliex giet infurmata bil-pretensjonijiet tal-atturi biss permezz ta’ ittra ufficjali prezentat fis-16 ta’ Novembru 2011, meta kien waslu biex jaghlqu l-provi taghhom.

**<u>Responsabbilta</u>**.

L-incident sehh fi triq principali ghal habta tas-1.00 ta’ filghodu. Josephine Gauci u membri ohra tal-familja taghha kienu ghadhom kif hargu minn tieg u qasmu t-triq. Jirrizulta li l-konvenut jahdem bhala xufier u kien qieghed xoghol. Il-konvenut kien xehed fl-inkjesta magisterjali u qal li:-

- Lill-vittma ma rahiex;
- Fil-hin tal-incident kien qieghed isuq bid-dawl (il-bright);
- Kien qieghed isuq il-vettur b’velocita’ ta’ 50 kilometru fis-siegha;

Il-qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *proper lookout* u m’huwiex minnu li l-vettura kienet qeghda tinstaq 50 kilometru fis-siegha. F’dan ir-rigward il-qorti tirreferi ghall-pjanta tal-perit Raymond Aquilina minn fejn jirrizulta brejk mark ta’ 13 il-

metru. Il-qorti tikkonkludi li l-konvenut kien qieghed isuq bi speed eccessiv tant li:-

i. Hu stess iddikjara li ma kienx ra l-vittma;
ii. Ladarba ma rax il-vittma jfisser li ghafas il-brejk wara li tajjar lill-vittma;
iii. Ghalkemm sehh l-impatt bejn il-vettura u l-vittma, xorta halla brejk mark ta' 13 il-metru.

Cirkostanza li tkompli tikkonvinci lill-qorti li l-vettura kienet qeghda tinstaq b'velocita hi l-hsara li saret. Fil-verbal tal-access li saret fl-inkjesta magisterjali, jinghad:-

*"Fuq in-naha ta' quddiem ta' din il-vettura fuq in-naha tax-xufier kien hemm daqqa qawwija. Il-bumper ta' quddiem fuq in-naha tax-xufier deher li sofra impatt qawwi u kien maqtghu minn postu, mghattan u anke maqlugh minn postu…….. Il-mudguard ta' quddiem fuq in-naha tax-xufier kien mghaffeg."*.

Jekk kif qal il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fis-27 ta' Settembru 2013, kellu l-vizwali kemxejn ostakolata peress li t-triq ghandha *"kurvatura hafifa"*, iktar u iktar kellu jizgura li jsuq b'attenzjoni. F'kull kaz il-qorti ma taqbilx li seta' sab lill-vittma ma' wiccu. Il-vizwali fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident hi fit-tul. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jipprova jiggranfa ma' dan it-tip ta' ragunament.

Dan ma kienx kaz ta' persuna li minn fuq il-bankina nizlet fit-triq u hasdet lix-xufier tal-vettura. Il-konvenut ikkonferma li kien qieghed isuq il-vettura fil-karreggata ta' barra. Ghalhekk ifisser li l-vittma kienet diga' qasmet iktar min-nofs it-triq. Hu evidenti li l-attur naqas milli jara dak li kien *in plain view*. Xufier ta' vettura ghandu d-dmir li jifhem u japprezza li ghandu arma taht il-kontroll tieghu li potenzjalment tista' tkun ferm perikoluza. Fit-toroq taghna, fejn sfortunatament hawn nuqqas ta' kontroll, kontinwament tara vettura jinstaqu b'velocita' eccessiva fejn ikun evidenti li x-xufiera jahsbu li fit-triq hemm il-vettura taghhom biss.

Min-naha l-ohra l-konvenuta hadet riskju li taqsam minn dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident. Triq li l-qorti tqies li hi wahda mit-toroq principali f'Malta. Il-pedestrian ghandu jiehu hsieb tieghu nnifsu u mhux jaqsam minn fejn gie gie. Il-qorti tikkonkludi li l-konvenuta qeghdet lilha nnifisha f'periklu car. Ghalhekk tikkonkludi li kien hemm element ta' negligenza kontributorja, li l-qorti qeghda tiffissa fi grad ta' 20%.

Fl-ahharnett ghalkemm jidher li l-konvenut gie liberat li l-incident sehh minhabba sewqan traskurat[1], dan ma ghandu l-ebda mpatt fuq l-ezitu tal-proceduri civili li huma indipendenti mill-proceduri kriminali.

**Likwidazzjoni tad-danni**.

Il-vittma twieldet fit-22 ta' Frar 1938. Ghalhekk fid-data tal-incident kellha 66 sena.

Ghalkemm jidher li l-vittma ma kellix dhul personali, b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenut m'ghandux ihallas danni. Jirrizulta li zewgha kien jircievi pensjoni tal-Gvern u certament li l-vittma kienet tgawdi minnha. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq pensjoni minima ta' 109.97 fil-gimgha ghas-sena 2004 (ara dokument GC2 a fol. 64) u 8.32 bonus fil-gimgha, u cjoe' 6,151.08 fis-sena li minnhom nofs huma kkunsidrati li kien is-sehem taghha gialadarba hu prezunt li kellha l-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha. Kalkolat fuq hames sitt (6) snin dan ifisser 18,453,24. Minn tali somma trid titnaqqas 50% minhabba *own consumption* gialadarba m'hemmx prova li xi hadd mill-atturi kien ghadu dipendenti tal-attrici fid-data meta sehh l-incident fatali. Ghaldaqstant, l-ammont dovut lill-atturi huwa ta':

€3,075.54 x 6 = €18,453.24 – 50% = **disat elef mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tnejn u sittin centezmu (€9,226.62).**

---

[1] **Il-Pulizija vs Marius Micallef** deciza fl-24 ta' Settembru 2013.

Mhux ser titnaqqas 20% jew xi parti minnha, peress li kieku baqghet hajja s-sitt (6) snin li a bazi taghhom saru l-kalkoli ghal finijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni, diga’ ghaddew.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u:-**

**1. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta’ disat elef mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tnejn u sittin centezmu (€9,226.62).**
**2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ disat elef mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tnejn u sittin centezmu (€9,226.62), bl-ispejjez kontra tieghu**[2].

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Peress li Thomas Smith Insurance Agency Limited m’hijiex parti, ma tistax tigi kkundannata. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni li tat m’hijiex rilevanti ghal dawn il-proceduri. F’kull kaz kieku kienet parti xorta kien ikollha taghmel tajjeb ghall-ispejjez gialadarba ssostni li l-assigurat taghha ma kellu l-ebda htija ghall-incident.